**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

Onor. Imħallef Dr. Giovanni M Grixti LL.M., LL.D.

**Rikors Nru: 720/2024 GG**

**Abela Brady**

**vs.**

**Koray Global Malta Ltd**

**Kawza Nru: 25**

llum 26 ta' Settembru, 2024

**Il-Qorti,**

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' Brady Abela (K.I 390286M)** ippreżentat quddiem din il-Qorti fil-25 ta' Gunju, 2024 bis-segwenti premessi u talbiet:

1. Illi s-soċjeta' intimata kienet ingaġġat lill-Attur sabiex jieħu ħsieb il-ġarr ta' merkanzija mit-Turkija għal Malta, liema merkanzija kienet tikkonsisti f' *aluminium joinery* kif ġie ndikat mis-soċjeta' intimata, kif jirriżulta mill-Poloz ta' Karigu annessi u mmarkati bħala **Dok. 'A1'**, **'A2'** u **'A3'** rispettivament;

2. Illi l-Attur pprovda tali servizzi lis-soċjeta' intimata mis-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) sa Lulju tas-sena elfejn tlieta u għoxrin (2023) u dan wara li kien irċieva struzzjonijiet biex jipprocedi mingħand is-soċjeta' intimata;

3. Illi nonostante li l-Attur għamel l-arranġamenti neċessarji sabiex jiġu trasportati diversi konsenji ta' merkanzija ġewwa Malta f'isem is-soċjeta' intimata, din tal-aħħar naqset milli tiġbor il-merkanzija propjeta' tagħha, abbandunat il-merkanzija ġewwa l-Malta Freeport Terminal u naqset milli tħallas lill-Attur l-fatturi maħruġa mill-istess, liema fatturi jirrappreżentaw servizzi reżi fil-perjodu surreferit kif ukoll diversi spejjeż relatati ma' *demurrage* u *storage charges* mill-Malta Freeport Terminal solament minħabba in-nuqqas tas-soċjeta' intimata, liema spejjeż ser jibqgħu jiġu inkorsi sakemm il-*containers* de quo jiġu ritornati lura lil CMA CGM;

4. Illi sal-lum, l-ammont dovut lill-Attur eżercitanti fil-kummerċ f'isem Euroshipping Malta mis-socjeta' intimata jammonta għas-somma kumplessiva ta' mija disgħa u sittin elf sitt mija u ħmistax-il euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€169,615.43) inkluż *demurrage, storage,* esklużi spejjeż ġudizzjarji u imgħax legali (Kopja tal-fatturi maħruġa mill-Attur lis-socjeta' intimata kif ukoll *statement of account* qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **Dok. 'B' u 'C'** rispettivament);

5. Illi nonostante li l-Attur interpella lis-soċjeta' intimata sabiex tiġbor il-merkanzija tagħha u tħallas il-bilanċ dovut li sal-lum jammonta għal mija disgħa u sittin elf sitt mija u ħmistax-il euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€169,615.43) is-soċjeta' intimata baqgħet inadampjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża (Kopji tal-*Idle Notices* annessi u mmarkati bħala **Dok. 'D1', 'D2' u 'D3'**);

6. Illi huwa fl-interess tal-Attur eżercitanti fil-kummerċ f'isem Euroshipping Malta illi din il-kawża tiġi deċiża skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

7. Illi l-esponenti, bin-numru tal-Karta tal-Identita' b'numru 390286M jaf bil-fatti personalment kif dedotti u qiegħed jikkonferma bil-ġurament tiegħu li sa fejn jaf hu, s-soċjeta' intimata m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti kontra t-talbiet kif dedotti;

Għaldaqstant, is-soċjeta' intimata għandha tgħid għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra opportuna, tilqa' s-segwenti talbiet billi:

1. Tiddeċiedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegħ tal-kawża ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara s-soċjeta' intimata debitriċi tal-Attur eżertanti fil-kummerċ f'isem Euroshipping Malta fl-ammont ta' mija disgħa u sittin elf sitt mija u ħmistax-il euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€169,615.43) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti spejjeż inkorsi għall-ġarr ta' merkanzija, *storage* u *demurrage*;

3. Tikkundanna lis-socjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mija disgħa u sittin elf sitt mija u ħmistax-il euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€169,615.43) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż ġudizzjarji, inkluż dawk relatati mal-Ittra uffiċjali bin numru 1731/2024 u tal-Mandat ta' Sekwstru (Kawtelatorju) fl-ismijiet premessi li qed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors kontra s-soċjeta intimata, min issa hija nġunta sabiex tidher in subizzjoni;

Rat id-digriet taghha tal-24 ta' Gunju, 2024 li bih appuntat il-kawza ghas-smigh ghas-seduta tat-12 Lulju, 2024 fil-11:30;

Rat illi s-socjeta' intimat kienet finalment notifikata permezz tal-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni bl-ahhar pubblikazzjoni f'gurnal lokali bid-data tas-17 ta' Settembru, 2024;

Semghet lir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta u rat in-nota taghha ezebita seduta stante fit-tentattiv taghha sabiex tiggustifika t-talba biex tkun awtorizzata tikkontesta l-kawza u tressaq eccezzjonijiet;

Semghet lill-attur;

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Settembru, 2024 li bih ddecidiet li s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda eccezzjoni valida x'tati skond il-ligi;

Rat l-atti u dokumenti esebiti;

**Ikkunsidrat:**

1. Illi permezz ta' affidavit ipprezentat mar-rikors mahluf, Brady Abela, ezercitanti l-kummerc f'isem Euroshipping Malta ddikjara li huwa kien ingaggat mis-socjeta' konvenuta sabiex igorr merkanzija mit-Turkija ghall-Malta. Mal wasla tal-merkanzija f'Malta, s-socjeta' konvenuta naqqset milli tiehu konsenja taghha u abbandunatha gewwa l-Malta Freeport Terminal u naqqset milli thallas il-fatturi rapprezentanti s-servizz ta' garr kif ukoll diversi spejjez relatati ma' *demurrage* u *storage charges* mposti mill-Malta Freeport Terminal;

2. Illi l-attur ressaq prova dokumentarja in sostenn tat-talbiet tieghu konsistenti f'diversi invoices li jirriflettu u statements kwantu l-ammont mitlub;

**Decide:**

Ghalhekk ghar-ragunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

**Tilqa** <u>l-ewwel talba</u> tar-rikorrenti sabiex din il-Qorti tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa ta' smigh skond l-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta' Malta; u

**Tilqa'** <u>t-tieni talba</u> tal-attur tiddikjara lis-soċjeta' Konvenuta debitriċi tal-Attur eżertanti fil-kummerċ f'isem Euroshipping Malta fl-ammont ta' mija disgħa u sittin elf sitt mija u ħmistax-il euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€169,615.43) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura

sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti spejjeż inkorsi għall-ġarr ta' merkanzija, *storage* u *demurrage*;

**Tikkundanna** lis-socjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mija disgħa u sittin elf sitt mija u ħmistax-il euro u tlieta u erbgħin ċenteżmu (€169,615.43) bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sad-data tal-pagament effettiv.

**Tikkundanna** wkoll lis-socjeta' konvenuta thallas l-ispejjez kollha marbuta ma' dawn il-proceduri inkluz dawk ġudizzjarji, l-Ittra ufficjali bin numru 1731/2024 u tal-Mandat ta' Sekwstru (Kawtelatorju) fl-ismijiet premessi preżentat kontestwalment mar-rikors promutur kontra s-soċjeta konvenuta.

**Onor. Dr. Giovanni M Grixti**

**Imħallef**

**Nicole Cini**

**Deputat Reġistratur**